**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Joseph Caruana**

Kaz Numru: 822/2015

Illum 3 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Caruana ta' 40 sena, bin il-mejjet Grezzju u l-mejta Lorenza nee' Gatt, imwieled Rabat, Ghawdex, fit-28 ta' Dicembru 1974, residenti 1, Nazzarenu Hse, Triq A. Caligari, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0002475G:

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2013 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited u/jew Malta Public Transport.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputta sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat fl-ewwel seduta irregistra ammissjoni u kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Billi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu din giet sodisfacjentement ippruvata.

Illi l-imputat ammetta li huwa hati ta' approprjazzjoni indebita meta huwa kien xufier tal-linja mal-kumpanija ARRIVA Malta Ltd u fil-perjodu imsemmi kien hemm diversi drabi fejn fl-ahhar tal-gurnata il-flus tan-nollijiet ma kienx jitfaghhom kollha fil-magna provduta mill-kumpanija izda kien izomm ammonti ghalih. Mill-istqarrija tieghu jirrizulta li dawn il-flus zammhom ghalih billi ma kinitx qeghda sservih il-paga u kien qieghed juzahom ghall-bzonnijiet ta' kuljum. L-imputat ammetta mill-ewwel l-involviment tieghu u jaghraf li l-ammont ta' €3,089.80 mizapproprjat minnu ghandu jithallas lura. Jirrizulta wkoll li l-imputat iffirma dokument mal-kumpanija sabiex irodd lura l-flus izda sal-gurnata tallum l-imputat ghadu ma hallasx xejn.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tenut kont tan-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, tal-fedina penali tieghu u tac-cirkostanzi tal-kaz kif fuq spjegati tqis li huwa opportun li l-imputat jitqieghed fuq ordni ta' probation sabiex jigi mghejjun jeghleb id-diffikultajiet tieghu u jkun gwidat ahjar u dan sabiex ma jergax iwettaq xi reat iehor. Min-naha l-ohra l-Qorti tqis ukoll li ghandha

tordna lill-hati jhallas l-ammont mizapproprjat lil Malta Public Transport.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment, liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Illi inoltre' a tenur tal-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lil Joseph Caruana ihallas l-ammont ta' €3,089.80 lil Malta Public Transport fi zmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jsegwix l-ordnijiet moghtija minnu mill-ufficjal tal-probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat